**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 740/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Leeroy Balzan Engerer)**

**vs**

**Twain Sciberras**

Illum, 28 ta' Novembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Twain Sciberras, ta' dsatax (19) il-sena, iben Patrick u Tania xebba Attard, mwieled il-Pieta nhar id- disgha (09) t'April 2000, residenti gewwa 24, Flat 2, Carob Tree, Triq il-Mandolina, Birzebbugia u detentur tal- karta ta' l-identita' Maltija bin-numru: 132200L.

Akkuzat talli nhar is- sitta (06) ta' Dicembru 2019, f'hinijiet diversi gewwa San Giljan: -

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car, b'arma irregulari inkella bi strument li jaqta' jew iniggez ikkaguna ferita ta' natura gravi fug il-persuna ta' James Farrugia (Art. 216, 218 Kap.9 ta' Ligijiet ta' Malta);

2. Minghajr il-hsieb li jogtol jew li jgieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, b'arma irregulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez ikkaguna ferita ta natura hafifa gravi fug il-persuna ta' Massimo Caruana (Art. 216, 218 Kap.9 ta' Ligijiet ta' Malta);

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel lill haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmijin band 'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk ikunu ipprovokati, ingurjah b'mod li johorgu barra mil-limiti tal-provokazzkoni (Art. 339 (1) (e) Kap.9 ta' Ligijiet ta' Malta);

4. U talli fl-istess, data, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku (Art. 338 (dd) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

5. U fl-ahharnett garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju (Art. 6 tal- Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta);

Il-Qorti giet mitluba tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkuzat sabiex tipprovdi ghas-sigurtà ta' James Farrugia u Massimo Caruana jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgiba ohra li tikkaguna biza' ta vjolenza. u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tat-12 ta' Dicembru 2019 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Wara li rat li l-Avukat Generali nhar it-12 ta' Gunju 2020 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[2]:

1. *fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*
2. *fl-artikoli 214, 215, 216, 217 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*
3. *fl-artikoli 214, 215, 216, 217 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*
4. *fl-artikoli 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*
5. *fl-artikoli 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*
6. *fl-artikoli 6 tal- Kapitolu 480 tal- Ligijiet ta' Malta*
7. *fl-artikoli 383, 384, 385, 412C, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta;*
8. *fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Rat li matul is-seduta tad-9 ta' Dicembru 2020 din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi

[1] Fol. 7 ta' l-atti processwali
[2] Fol. 102 ta' l-atti processwali

procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha definittivament nhar it-30 ta' Novembru 2021.[4]

Rat illi l-provi tad-difiza gew definittivament maghluqa nhar is-6 ta' Gunju 2023.[5]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz jikkoncerna allegati incidenza ta' vjolenza minn naha tal-imputat Twain Sciberras fuq zewg ufficjali ta' stabbilimenti f'Paceville u cioe` James Farrugia u Massimo Caruana, nhar is-6 ta' Dicembru 2019 ghall-habta tas-19:45hrs -20:00hrs.

[3] Fol. 118 ta' l-atti processwali
[4] Fol. 151 ta' l-atti processwali
[5] Fol. 245 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tas-6 ta' Jannar 2020 xehed **James Farrugia**[6]. Spjega li fis-6 ta' Dicembru 2019 kien qieghed xoghol bhala *supervisor* f'Bacco Bar, Paceville. Ghall-habta tat-20:30hrs fil-bar kien hemm l-imputat u certu "Temi". Dan Temi beda jsabbat mal-bar u x-xhud mar fuqu biex jara x'gara, fejn Temi kien pront iwiegeb li l-*barman* ma kienx qed jaqdih ghax ma jifhimx bil-Malti. Minkejja li kellmu bil-kelma t-tajba, dan Temi baqa jghajjat, jidghi u jagixxi b'mod aggressiv. F'daqqa u l-hin gie l-imputat Twain Sciberras li jigi n-neputi ta' dan Temi u flok ikkalmaw l-affarijiet, l-imputat beda jghid li *"jien ghala zobbi, ghamiltha mal-aghar nies"* (sic.) u heddew lix-xhud li *"jqattghuh"* barra jekk jghajjat lis-*security officers*. Minhabba li kien hemm xi klijenti ohrajn fil-bar, ix-xhud stieden lill-imputat u zijuh biex jitkellmu fit-*toilets*. Hemmhekk kompla t-theddid sa ma fl-ahhar ix-xhud qalilhom li ma jridx ikellimhom aktar u dar biex johrog 'il barra imma l-imputat beda jimblukkalu triqtu u jghidlu *"mela qed tibza'*?". L-affarijiet iggravaw meta Temi qabad lix-xhud minn zaqqu u hekk kif ix-xhud prova jirrezistih u jressqu minn nofs, l-imputat Twain Sciberras hareg bhal qisha hadida u beda jfajjar biha bl-addocc bil-konsegwenza li laqtu u qasamlu xoftu u ghamillu griehi f'partijiet ohra ta' wiccu u rasu. Temi imbaghad sabbtu ghal mal-art u l-imputat tah daqtejn ta' sieq. Xi hadd minnhom imbaghad hadlu r-*radio* u sabbtu mal-art biex ma jkunx jista' jsejjah ghall-assitenza. Ix-xhud ikkonferma li fid-dahla tat-*toilets* kien hemm kamera li

---

[6] Fol. 33-80 tal-atti processwali

gibdet l-incident, kopja ta' liema filmat giet mghoddija lill-Pulizija. Konsegwenza ta' dan l-attakk iddahhal l-Isptar u kellu jsirlu MRI ta' rasu. Spjega li l-griehi f'xofftu kienu jirrikjeda 18-il punt minn barra u minn gewwa. Sofra gerha ukoll taht ghajnejh. Jghid li b'kollox, qala' xi 9 daqqiet f'wiccu u rasu bil-hadida. Ezebixxi seta ta' ritratti[7] li juru l-griehi sofferti, li kienu ttiehdu mill-*barman.* Minn dawn ir-ritratti jidher bic-car id-diversi griehi li kienu jikkonsistu f'gundalli, tbengil, qsim, demm u punti li sofra. Ix-xhud ghamel referenza wkoll ghal fotgrammi mehuda mill-filmat CCTV, fejn il-persuna li jidher bil-qalziet abjad huwa Temi Attard, iz-ziju tal-imputat. Stqarr li wara l-incident baqa' jbaghti b'ugigh ta' ras frekwenti.

Ix-xhud esebixxa wkoll *Patients Certification Form* li sar dakinhar tas-6 ta' Dicembru 2019[8] mit-tabib Dr. Josef Mifsud. Illi skont dan ic-certifikat il-griehi huma ta' natura gravi.

Ix-xhud esebixxa wkoll certifikat iehor mahrug mit-tabiba Dr. Josianne Cutajar nhar it-2 ta' Jannar 2020 fejn hemm indikat li l-pazjent ghadu ibaghti minn ugieh f'irkoptu per konsegwenza ta' dan il-incident.[9]

In kontro-ezami spjega li kien ilu jadhem bl-istabbiliment in kwistjoni ghal 7 snin u sahaq li ghax-xoghol ta' *supervisor* li jaghmel hu ma hemmx bzonn li wiehed ikun licenzjat u x-xoghol jinkludi li jara li ma jkunx qed isir serq mill-bar minn impjegati ohrajn. Qal li kien jaf li Temi Attard huwa z-ziju tal-imputat ghax kien qal l-imputat stess f'hin minnhom u li meta sehh l-incident il-muzika fl-istabbiliment kienet ghadha baxxa ghax kien kmieni. Ikkonferma li kien ghamel madwar hames minuti jkellem lil Temi Attard hdejn il-bar sakemm hareg l-imputat mit-toilets u kien qed jipprova jikkonvinci lill-Attard biex igib

---

[7] Dok JF1, Folio 81 ta' l-atti processwali
[8] Dok JF8, Folio 82 ta' l-atti processwali
[9] Dok JF9, Folio 83 ta' l-atti processwali

ruhu sewwa u *"johorgu bil-kwiet"*. Mistoqsi ghalfejn ma involviex lis-*security officers*, spjega li meta l-klijenti jkunu Maltin jipprova jevita li l-affarijiet jikbru u jinqala' l-inkwiet. Eskluda li kien offenda jew hedded lill-imputat jew lil zijuh u dan ghax fl-edba punt ma kien qed jibza' minnhom ghax ma kienx jaf sa fejn jaslu. Jghid li kieku kien jaf kien jinvolvi lis-*security officers* mill-ewwel. Spjega li l-filmati CCTV gew mghoddija minn certu Justin Camilleri fuq USB u imbaghad hu ghaddihom lill-Pulizija fuq talba taghhom. In ri-ezami spjega li waqt l-incident ma kienx liebes arlogg u allura ma qadx izomm il-hin bl-ezatt.

Fis-seduta tas-6 ta' Jannar 2020 xehed **Massimo Caruana**[10]. Spjega li huwa jahdem bhala *security officer* fuq bazi part-time mal-Eden Cinemas. Spjega li fis-6 ta' Dicembru 2019 kien xoghol bejn is-18:00hrs u 02:30hrs u kien *standby* minhabba li kien hemm parti mic-cinema fejn kienu qed isiru x-xoghlijiet u ghalhekk kienet maghluqa bil-*plywood*. Ghall-habta tad-21:30hrs jew 22:00hrs sema hafna hsejjes u wara ftit intebah li kien hemm tnejn minn nies qed jiggieldu. Imbaghad qabez l-imputat u qallu *"ghalfejn qed tares lejja?"*. F'daqqa wahda, l-imputat ixxuttja dustbin li kien hemm vicin ghal nofs it-triq. Ix-xhud qallu *"qed tara kemm int bravu!"* u ma dan il-kliem, l-imputat u l-persuna l-ohra aggredewh. L-imputat laqtu f'ghajnejh ix-xellugija u ta' dawn il-griehi ix-xhud ipprezenta ritratti lli juru tbengil u infieh madwar ghajnejh.[11] Il-persuna l-ohra tah daqqa ta' sieq imma laqaghha. L-aggessuri harbu jigru minn fuq il-post u x-xhud induna li kellu d-demm hiereg mill-ferita tant li kellu jibda jimshu b'maktur. Wara ttiehed l-Isptar fejn sarulu bejn 3 u 4 punti. Spjega li llum jinsab kwazi rikovert kompletament. Spjega li lill-imputat ma kienx jafu minn qabel ma gara dan l-incident u li kien hemm zewg kollegi tieghu Fabian Grech u Dylan Agius li raw lill-aggressuri jigru ghall-gewwa parkegg tal-karozzi li

[10] Fol. 84-94 tal-atti processwali
[11] Dok MC1 u MC2, Folio 95 ta' l-atti processwali

hemm vicin li huwa ukoll gestit minn Eden Cinemas. Hemmhekk kissru *barrier* u dehru qed jigdbu xi sustanza bl-imnieher, probabbilment kokaina.

Fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2020 xehed it-**Tabib Dr Mario Scerri**[12], espert mahtur mill-Qorti nhar it-13 ta' Frar 2020 sabiex jezamina mill-gdid il-feriti sofferit mill-vittmi u jirrelata dwar il-permanenza o meno tal-offizi subiti mill-vittmi u okkorendo l-percentagg tad-disabilita.[13] Illi mir-rapport[14] esebit minnu ikkonferma li kien ezamina lill-James Farrugia u kkostata li kellu cikatrici fuq ix-xoffa ta' fuq il-halq li giet ikkawzara minn lacerazzjoni wara *blunt trauma* u kkagunat telf ta' kontroll tax-xoffa. Sab ukoll citatrici fuq l-orbiti tal-ghajn xellugija li ukoll kienet lacerazzjoni kkawzata minn *blunt trauma*. Iz-zewg cikatrici jidhru from a walking distance u jgibu grad ta' dizabilita` permanenti ta' 5%. Ezamina ukoll lill-Massimo Caruana u sab li dan ma kienx qed jara sew u kellu frattura tal-orbiti xellugija ukoll rizultat ta' *blunt trauma*. Gew klassifikati bhala gravi per durata izda ma hellewx effetti permanenti.

Fl-istess seduta xehdet **WPC 391 Sarah Apap**[15], stazzjonata fl-Ghassa ta' San Giljan, li kkonfermat li l-imputat Twain Sciberras ma ghandu l-ebda permess biex izomm armi u pprezentat dokumentazzjoni li tikkonferma dan.[16]

Fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2021 xehed L-**Ispettur Mark Cremona** (eks-PS 345)[17]. Spjega li fis-6 ta' Dicembru 2019 kien ghaddej ronda minn Triq Santu Wistin, San Giljan u hu u l-kollegi tieghu gew infurmati li kien sehh argument u kien hemm persuna midruba. Irrizulta li dan kien certu Massimo Caruana. Dan imbaghad kien ghamel rapport ufficjali fil-11 ta' Dicembru 2019. Il-Pulizija

[12] Fol. 119-120 tal-atti processwali
[13] Folio 98 ta' l-atti processwali
[14] Dok MS1 u MS2, Folio 121-144 ta' l-atti processwali
[15] Fol. 145-146 tal-atti processwali
[16] Dok SA1, Folio 147 ta' l-atti processwali
[17] Fol. 153-154 tal-atti processwali

rat filmati CCTV mill-istabbiliment Eden Cinemas fejn inqabdet karozza bin-numru ta' registrazzjoni TTT-712 li tghajjat lil certu Tanya Sciberras. Ghall-habta tas-02:00hrs tal-ghada kien irrapporta fl-Ghassa ta' San Giljan certu James Farrugia li qal li gie attakkat fl-istabbiliment Bacco minn zewg persuni li wiehed minnhom kien identifika lilu nnifsu bhala "*Temi tal-Marsa*". Minn ezami tas-CCTV ta' dan l-istabbiliment irrizulta li l-aggressuri kienu l-istess nies tal-incident l-iehor u kien sar kuntatt ukoll ma Tanya Sciberras li qalet li l-karozza kien qed juzaha t-tifel taghha Twain Sciberras. L-ghada x-xhud tkellem mal-imputat Twain Sciberras fl-Ghassa ta' San Giljan wara li dan ghazel li jikkonsulta mal-Avukat Dr Amadeus Cachia.

Fl-istess seduta xehdet **PC2376 Yana Buttigieg**[18] li ikkonfermat l-involviment taghha fiz-zewg rapporti.

Fl-istess seduta xehed **PC 81 Leonardo Muscat**[19] li kkonferma li kien attenda waqt li ttiehdet l-istqarrija tal-imputat u gharaf il-firma tieghu fuq l-istess.

Fl-istess seduta xehed L-**Ispettur Leeroy Balzan Engerer**[20] li pprezenta kopja tal-filmati CCTV relevanti ghall-incident. Dan kien gie mghoddi lill-Pulizija minn James Farrugia wara li nharget *letter of request* lill-istabbiliment Bacco.[21]

Fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2022 xehdet il-**Probation Officer Sarah Bezzina**[22] li pprezentat *social inquiry report* relattiv ghall-imputat[23]. Spjegat li issa jidher li qed jghix hajja stabbli fejn ghandu negozju tieghu stess u ma jidhirx li hemm

[18] Folio 155 ta' l-atti processwali
[19] Fol. 156 tal-atti processwali
[20] Fol. 158-159 tal-atti processwali
[21] Dok LB8 u LB9 Folio 160-161 ta' l-atti processwali
[22] Fol. 166-167 tal-atti processwali
[23] Dok SB1, Folio 168-190 ta' l-atti processwali

problema ta' abbuz mid-droga. Ghandu tifel ta' sena u jidher li jiehu hsiebu sew.

Fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2022 xehed **Roderick Vassallo**[24], *IT Manager* tal-Hugos Group. Ikkonferma li kien ircieva rikjesta ghal-filmati CCTV mill-Pulizija u li huwa kien ghadda l-filmati permezz ta' USB drive lil James Farrugia biex itihom lill-Pulizija. Xehed in kontro-ezami fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2022[25]. Spjega li fiz-zmien relevanti il-Hugos Group kienet tiddependi minn fornitur estern ghas-servizz ta' CCTV cameras u allura ir-rikjesta kienet tigi mghoddija lill-fornitur u l-filmat jigi skarikat minnhom. Spjega li ma jirrizultax li kien hemm xi rikjesta biex jigi skarikat filmat fiz-zmien relevanti u li minn dak iz-zmien, id-DVR kien mar u gie sostitwit. Ikkonkluda jghid li fiz-zmien relevanti kien fil-fatt gie estratt il-*footage* minn naha tieghu izda llum m'ghadx hemm access ghall-*logs* ghax id-DVR inbidel. F'dan ir-rigward ipprezenta provi in sostenn ta' dak li xehed.[26]

Fis-seduta tas-27 ta' Frar 2023 xehed **Themistocles** ***sive*** **Temi Attard**[27]. Ikkonferma li jigi z-ziju tal-imputat u spjega li fil-lejla in kwisjoni, ghall-habta tas-19:30hrs kien mar *bowling* flimkien mal-imputat u wara marru jiehdu drink fl-istabbiliment Bacco. Meta kienu mal-bar biex jordnaw, il-barman baqa ma giex u hu cekcek tazza li kien hemm fuq il-bank biex jattira l-attenzjoni u imbaghad gie haddiem fuqu bl-arroganza, li identifika bhala James Farrugia, u qallu *"ghalfejn qed iccekcikha?"* u qallu biex jitkellmu fit-*toilets*. Skont ix-xhud, Farrugia beda jiggieled maghhom u jkellimhom hazin u hu beda jipprova jikkalmah u deherlu li kien jafu mill-Marsa ghax kienu tampar xulxin. Skont hu, Farrugia wiegbu li *"ala bieb zobbi"* imbaghad qabdu u rmieh, u habbatlu rasu

[24] Fol. 193-197 tal-atti processwali
[25] Fol. 199-204 tal-atti processwali
[26] Dok RV1 u RV2, Folio 205-206 ta' l-atti processwali
[27] Fol. 210-228 tal-atti processwali

mal-art. Wara dan, hu u l-imputat grew 'il barra ghax bezghu li kienu *"gejjin ikissruk bis-swat"* b'referenza ghas-*security officers*. Huma u jigru lejn il-parkegg fejn kien hemm il-karozza, hareg bniedem fin-nofs u fil-biza', minhabba li haseb li kien gew ghalihom, l-imputat tah daqqa ta' ponn u baqghu sejrin lejn il-parkegg. In kontro-ezami ikkonceda li l-imputat kien kellem lil James Farrugia hazin ukoll u ghalhekk kien qallu biex *"ma jiehux ghalih ghax ghadu zghir"* izda Farrugia beda jimbuttah u fl-ahhar kellu jaqbez ghal-neputih ghax *"demmu jien"*. Jghid li ma qabdux u telqu 'l barra wara l-incident tat-tazza minhabba li James Farrugia baqa' jinsisti li jrid ikellimhom. Fir-rigward tal-bniedem li gie fuqhom barra, Attard jghid li ma kienx l-istess wiehed li kellhom x'jghidu mieghu gewwa Bacco u cioe` James Farrugia. Stqarr li rapport mal-Pulizija dwar dak li gara ma ghamlux. Il-kontro-ezami tax-xhud issokta fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2023[28]. Rega' kkonferma il qabel marru fl-istabbiliment Bacco kienu marru *bowling* u li allura dahlu Bacco ghall-habta ta' 19:45hrs. Eskluda li waqt l-incident tat-tazza, l-imputat kien mar it-*toilet* jew li hareg ipejjep u filwaqt Ii ma jiftakarx jekk il-barman kienx ta' karnaggjon skur, jghid li kien cekcek it-tazza biex jismaghhom u jmur jaqdihom ghax kien ghajjatlu darbtejn u marx. Ma jeskludix li James Farrugia gie fuqu minhabba dan ic-cekcik tat-tazza izda jsostni li kien *"arroganti" u "bil-glied"* mieghu. Jsostni li dahlu fit-*toilets* ma James Farrugia wara dan talabhom biex ikellimhom hemm. Eskluda katgorikament li hu jew l-imputat kellhom ponn tal-hadid jew xi forma ta' arma ohra. Rigward il-bniedem l-iehor li gie aggredit, ix-xhud spjega li hasbuh li kien "wiehed minnhom" ghax kien bil-*walkie talkie* u liebes bl-iswed. Innega li b'xi mod kienu kissru l-*barrier* tal-parkegg tal-Eden u sostna li ma ghamlux rapport mal-Pulizija ghax kienu bezghana minn akatar swat.

[28] Fol. 230-244 tal-atti processwali

Fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2023 xehed l-**Ispettur Brian Xuereb**[29] fejn ikkonferma li kienu saru rapport mill-imputat Twain Sciberras fil-konfront tal-parte civile James Farrugia dwar incidenti li sehhew fil-bini tal-Qorti fil-bidu tas-sena 2023[30]. Dawn ir-rapporti saru ai fini ta' referenza u fi tnejn minhom kien hemm dikjarazzjoni li l-kwerelant ma jixtieqx il jigu istitwiti proceduri a bazi taghhom. Ix-xhud ma setax jikkonferma jekk giex mitkellem James Farrugia in segwitu ta' dawn ir-rapporti.

**Ikkunsidrat**

**Provi ulterjuri li tressqu**

Il-prosekuzzjoni esebiet zewg rapporti dwar l-incident bir-referenza NPS: 6A/N/8027/2019 u NPS 6A/N/8122/2019[31]. Illi f'dawn ir-rapporti jirrizulta li l-incident sehh gewwa l-istabiliment Bacco's Bar, San Giljan. Illi minn dawn ir-rapporti irrizulta li l-allegat vittma James Farrugia irraporta gewwa l-ghassa ta' San Giljan li kien gie aggrediet minn zewg persuni waqt li kien xoghol bhala *chief security* dak il-lejl tas-6 ta' Dicembru 2019. Illi beda jinqala tensjoni ma dawn iz-zewg persuni li ma riedux izommu posthom u talabhom sabiex jitkellmu vicin il-kmamar tal-banju halli s-sitwazzjoni tikalma izda dawn iz-zewg persuni, li wiehed minnhom qallu li huwa Terry tal-Marsa baqghu jeskalaw l-imgieba hazina taghhom.

Il-vittma stqarr mal-pulizija li *"F'daqqa u il-hin Terry qabad lil Farrugia minn dahru u Farrugia imbuttah u gie jigri il-guvni l-iehor, dahal idejh fil-butt ta' wara tal-qalziet, hareg xi haga mil-but u beda jaghti biha bil-ponn f'wicc Farrugia. Sa dan it-tant Terry*

[29] Fol. 246-248 tal-atti processwali
[30] Dok BX1-BX4, Folio 249-257 ta' l-atti processwali
[31] Doks LB3 u LB4, Folios 10-15 ta' l-atti processwali

*baqa izomm lil Farrugia minn dahru u ghalhekk ma setax jiddefendi ruhu. Il-kwerelant stqarr illli hallewh mal-art u telqu jigru l-barra."*[32]

Illi t-tieni rapport sar minn certu Massimo Caruana li irraporta li fl-istess lejl waqt li kien qed jahdem quddiem l-istabiliment ta' Eden Cinemas. Illi dak il-lejl kien qed issir xoghol ta' manutenzjoni u beda jisma hafna hsejjes u tizbid u hareg l-imputat f'daqqa u l-hin li tpastas mieghu u *ixtuja ashtray li kien hemm fuq il-bankina*[33]. Wara li Massimo Caruana ghaddielu kumment tali qallu hekk, l-imputat fajjarlu daqqa ta' ponn bil-konsegwenza li kellu griehi gravi fuq ghajnejh ix-xellugija.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija ta' l-imputat**

Illi l-istqarrija tal-imputat[34] ittiehdet mill-Ispettur Leeroy Balzan Engerer fl-Ghassa ta' San Giljan fil-11 ta' Dicembru 2019 fil-prezenza ta' PC 81 Leandro Muscat wara li ghazel li jikkonsulta mal-Avukat Dr Amadeus Cachia u inghata s-soliti twissijiet. Ikkonferma li fis-6 ta' Dicembru 2019 filghaxija kien fl-istabbiliment Bacco fil-kumpanija ta' zijuh Temi Attard. Ikkonferma ukoll li kienet inqalghet kwistjoni ma *bouncer* f'dan il-lok u li l-*bouncer* sfida lil Temi Attard ghall-glied hdejn it-*toilets* u f'punt minnhom anke` hu kellu *"jiddefendi lilu nnifsu"*. Innega li uza xi forma ta' arma ossija ponn tal-hadid waqt il-glied izda meta kkonfrontat specifikat b'dak li jidher f'filmat CCTV migbur mil-lok, ghazel li jibqa' sieket u ma wiegibx. L-imputat ikkonferma wkoll li aktar tard ghaddha minn hdejn ic-cinema ghaliex kien sejjer lura ghal-karozza. Ikkonferma li dakinhar kien juza l-karozza ta' ommu Tania Sciberras.

[32] Folio 12 ta' l-atti processwali
[33] Folio 15 ta' l-atti processwali
[34] Fol. 18-20 tal-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Illi l-Avukat Generali fir-rinvija ghall-guddizju jindika l-artikolu 214, 215, 216, 217 u 218 bhala dawk l-artikoli li bihom l-imputat ghandu jinstab hati.

L-artikolu 214 tal-Kodici Kriminali jistqarr:

*Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna.*

L-artikolu 215 tal-Kodici Kriminali jghid:

*"L-offiza fuq il-persuna tista tkun gravi jew hafifa."*

L-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali jghid:

*(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin -(a) jekk tista' ġġib periklu -(i) tal-ħajja; jew(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;*
*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonqjew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*
*(ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħdamill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*
*(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għaltletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien,iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;*
*(e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħelha teħles qabeliż-żmien*

*218.(1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin –*

*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jewfil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difettpermanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, mardapermanenti tal-moħħ;*
*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*
*(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.*
*(2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem,u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesupermanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk.*

Illi kif gie ritenut fl-kazistika nostrana u skond il-Professur Anthony Mamo dan ir-reat issehh jekk jirrizulta mankamanet jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz.

Fil-kaz **Il-Pulizija vs Paul Spagnol**[35] gie ritenut

*"B'mankament...fil-wicc il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament tal-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament 'cioe peggioramento d'aspetto notevole o complessivo, o per l'entità della alterazione stessa, o per l'espressione d'assjeme del volto" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regoiarità tal-wicc, fl-armonija tal-linearnenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tai-wicc. Skond gurisprudenza ormaj pacifika, din ilhsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (Il-Pulizija v. Emily Zarb App. Krim. 15/2/58, Koliezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248). Ghalhekk mhix korretta il-proposizzjoni li temergi mill-bran tas-sentenza appena citata, li jekk ikun hemm cikatrici neccessarjament hemm sfregju, izda ma jkunx hemm sfregju jekk ikun hemm sempici skolorament tal-gilda. Anke skolorament talgilda jista' jipproduci kemm sfregju*

[35] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri), Imhallef Vincent DeGaetano; Deciza 12 ta' Settembru 1996

*kif ukoll mankament fil-wicc fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-entità tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah ilhsara fil-gergo mediku Jew popolarment, dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc."*

Illi dan il-punt huwa enfaziat mill-awtur legali Antolisei li stqarr li mankament jew l-isfregu ghandu ikun *"visible stando di fronte alla persona."* u li kien ikkonfermat fil-kaz **Il-Pulizija vs Emily Zarb**[36] fejn il-Qorti kkonfermat l-istess hsieb u stqarret li l-isfregju kkontemplat fl-artikolu 216(1)(b) jista jkun anke temporanju u li din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik *"li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma xulxin."*

Illi dan is-sentiment jinstab ukoll fil-kaz **Il-Pulizija vs Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf**[37] fejn il-ghamlet referenza wkoll ghal awtur legali Manzini fejn gie ritenut:

*"peggioramento d'aspetto notevole o complessivo, o per l'entita` della alterazione stessa, o per l'esp ressione d'assieme del volto".*

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Reno Azzopardi**[38] ppreseduta mill-istess Qorti gie ritenut:

*Effettivament il-ligi taghna stess taghmel distinzjoni bejn sfregju li fil-prattika jissejjah "semplici" (artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) u sfregju "gravi u permanenti" (artikolu 218(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta). U kif intqal fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Frar 1998 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Fortunato Sultana: "Skond din id-disposizzjoni [l-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali] l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc. Il-ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari; sfregju*

[36] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri), Deciza 15 ta' Frar 1958; Kollezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248

[37] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor Imhallef David Scicluna; Appell Kriminali Numru 484/2011; Deciza t-23 ta' Jannar 2013

[38] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor Imhallef David Scicluna; Appell Kriminali Numru 308/2010; Deciza t-2 ta' Marzu 2011

*fil-wicc (jew fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghallfinijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' -isfregju hi rilevanti biss meta, abbinata mal-gravita`, taghti lok ghal hekk imsejha 'offiza gravissima' skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali." Issa, sfregju hija "kull hsara li tista' ssir "fir-regolarita` talwicc, fl-armonija tal-lineament tal-wicc u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc"*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Dingli**[39] kien ritenut:

*L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem, fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex 5 mehtieg li dana l-mankament jew sfregju ikun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sieghat, granet, gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju ikun gravi u permanenti ikun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-Artikolu 218(1)(b). Ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) jekk hemmx sfregju jew le hija kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt (f'dan il-kaz il-magistrat) u dan kien perfettament intitolat li jasal ghall-konkluzzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-qorti. Lappellant donnu qed jippretendi li biex il-qorti tiddeciedi jekk offiza iggibx sfregju fil-wicc o meno irid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga inghad, ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti ikunu ghadhom f'posthom, jammontaw ghall-offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju."*

Fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs Luke Sciberras**[40] gie ritenut li:

[39] Qorti tal-Appell Kriminali, Deciza it-12 ta' Settembru 1996

[40] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Appell Numru 219/2016; Onor. Imhallef Giovanni Grixti; Deciza t-28 ta' Mejju 2018

*"Ghalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan irreat mhux necessarju li l-offiza tkun tali li "tista" thalli mankament jew sfregju. Dik il-possibilita' tirrafigura biss flezami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a) jew 218. Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza thalli mankament jew sfregju, f'dan ilkaz mankament, fuq l-idejn jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn in rigward. Fi kliem iehor, fil-kodici penali taghna, l-offiza fuq il-persuna tista' tkun wahda hafifa u ta' importanza zghira, gravi jew gravissima. Issa, kif tajjeb imfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Fortunato Sultana tal-5 ta' Frar 1998, fost diversi ohrajn, il-ligi ma 6 tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permamenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Ghalesposizzjoni aktar profonda tal-kwistjoni in tema, tajjeb li ssir referenza ukoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti deciza fil-15 ta' Frar 2011 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jonathan Farrugia fejn oltre s-sentenza citata saret referenza ghal-diversi sentenzi ohra fosthom dik Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich tat-2 ta' Settembru 1999."*

Illi skond l-awturi **Archbold 2021**[41]

*"Grievous bodily harm" should be given its ordinary and natural meaning of really serious bodily harm, and it is undesirable to attempt any further definition of it:* ***DPP v Smith** **[1961] A.C. 290, HL** **; Cunningham** **[1982] A.C. 566, HL** **; Brown (A.)** **[1994] 1 A.C. 212, HL** **.*** *It is not necessary that the harm should be either permanent or dangerous: Ashman (1858) 1 F. & F. 88. Nor is it a precondition that the victim should require treatment or that the harm would have lasting consequences; in assessing whether particular harm was "grievous", account has to be taken of the effect*

[41] Archobold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2021

*of the harm on the particular individual:* ***Bollom*** ***[2003] EWCA Crim 2846; [2004] 2 Cr. App. R. 6*** *. Bodily harm includes psychiatric injury:* ***Ireland; Burstow [1998] A.C. 147, HL*** *; but not psychological injury:* ***Dhaliwal*** ***[2006] EWCA Crim 1139; [2006] 2 Cr. App. R. 24*** *. "*[42]

L-istess awturi jghidu wkoll:

*It was formerly accepted that "causing" was wider than "inflicting" and that where the allegation was of causing grievous bodily harm, the issue was a straightforward one of causation: did the injury result from the act of the accused? The distinction has, however, been reduced to vanishing point by the decision of the House of Lords in* ***Ireland; Burstow*** *, above, to the effect that, whilst "causing" and "inflicting" are not exactly synonymous, grievous bodily harm could be "inflicted" without an assault and without the direct or indirect application of force to the victim's person (psychiatric injury caused by persistent harassment).*[43]

L-artikolu 217 tal-Kodici Kriminali jghid:

*"L-offiza gravi hija punibbli bil-prigunerija minn sentejn sa ghaxar snin jekk tigi maghmula b'arma regolari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez, inkella b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi jew jahraq jew li hu korroziv."*

Illi l-artikolu 218(1)(b)(2) tal-Kodici Kriminali jistqarr:

*218.(1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin*[44]*. –*
*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(2) Id-debbulizza fis-sahha jew fil-funzjoni ta' parti tal-gisem, u l-marda tal-mohh, l-isfregju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk."*

[42] Ibid 19-258, Folio 2293
[43] Ibid 19-260, Folio 2293-2294
[44] Fiz-zmien mertu tar-reat il-piena kienet minn disa xhur sa disa snin

Il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** fejn l-principji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' griehi ghall-fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament guridiku taghna, fejn jinsab ritenut pacifikatament illi:

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant talfatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fiddawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*[45]

Di piu fis-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Dingli**[46] intqal:

*"… ghall-finijiet tal-artikolu 216 jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant … u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana**[47] fejn id-distinzjoni bejn l-artikolu 216 u 218 tal-Kodici Kriminali giet spjegata:

*"Mir-ritratti ezebiti u li ttiehdu ftit hin wara l-incident meritu ta' l-akkuza, jirrizulta bl-aktar mod car li dana Curmi soffra offizi ta' natura gravi fittermini ta' l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Skond din id-disposizzjoni, l-offiza fuq il-persuna hi*

[45] Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 30 ta' Lulju 2004
[46] Deciza fit-12 ta' Settembru 1996
[47] Deciza 5 ta' Frar 1998

*gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc. Il-Ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari, sfregju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghal finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni, il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal hekk imsejjha "offiza gravissima" skond l-Artikolu 218(1)(b) talKodici Kriminali."*

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal sussegwentement mill-istess Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**[48],

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre lgravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."*

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi li tressqu jirrizulta li l-prosekuzzjoni naqqset milli tressaq it-tobba kollha involuti li certifikaw u intervistaw lill-vittma James Farrugia u cioe it-tabib Dr. Josef Mifsud u it-tabiba Dr. Josianne Cutajar. Filwaqt li ma tressqu ebda certifikati medici jew tobba in sostenn tal-griehi kontra Massimo Caruana.

Madankollu skont it-tabib Dr. Mario Scerri fil-kaz ta' James Farrugia irrizulta li l-griehi permanenti mertu ta' l-incident huma fil-wicc u x-xoffa ta' fuq tal-halq baqghet *deformed* b'rizultat ta' dan l-incident tant li dawn il-lezjonijiet igorru

[48] Deciz fit-2 ta' Settembru 1999

maghhom massimu ta' dizabilita' permanenti ta' 5%.[49] Fir-rigward ta' Massimo Caruana gie ikostata li l-fratturi li soffra kienu kompatibbli ma *blunt trauma* vjolenti u huma ta' natura gravi *per durata* filwaqt li m'hemmx debbulizza permanenti.

Illi l-Qorti rat ic-CCTV footage kemm il-darba u fil-filmat jidher b'mod u mil-vicin id-dinamika ta' l-incident ta' James Farrugia. Ma jistax ma jinghadx kemm hu xokanti l-imgieba ta' l-imputat li bla ebda razan u provokazzjoni diretta ta' diversi daqqiet b'sahhithom u bl-ghagla fid-direzzjoni ta' wicc u ras l-imputat b'uzu ta' arma tal-ponn li tidher bic-car fil-filmat. Illi wara li gab il-vittma ma l-art xorta baqa' jattakaha u jaghtih bis-sieq u izommu minn rasu. Il-Qorti ma tistax ma tiddeplorax dan l-attakk kontra persuna li wara kollox kien qed jaghmel xogholu u bl-ebda mod ma jista jigi ggustifikat din l-imgieba. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni ix-xhud tad-difiza Temi, Themistocle Attard. Illi minn dak li xehed ix-xhud u dak li fattwalment jirrizulta mic-CCTV il-Qorti tqis li l-verzjoni ta' dan ix-xhud ma segwiex. Minn imkien ma jirrizulta li James Farrugia ghamel ghall-imputat fizikament jew messu jew ghamel atti ta' preparamenti li jindikaw li dak kien il-hsieb tieghu. Il-konfrontazzjoni fizika ma bdietx mill-vittma izda da parti ta' l-imputat u li baqa ghaddej biha.

Ghalhekk wara li l-Qorti gharblet il-provi kollha imressqa, tqis li mill-assjem tal-provi kif migbura u mressqa quddiem din il-Qorti tqis li l-provi tal-prosekuzzjoni u x-xhieda tal-prosekuzzjoni, fil-preponderanza tal-provi prodotti, il-Qorti hija konvinta li l-prosekuzzjoni rnexxiliha tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward l-imputazzjonijiet dedotta kontra l-imputat kontra James Farrugia skont l-artikoli 218 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk sejra issibu hati tali ikkaguna ferita hafifa fuqu.

[49] Folio 142 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

Illi ghar-rigward Massimo Caruana l-prosekuzzjoni tistrieh principalment fuq ix-xhieda tieghu in vista tal-fatt li ma tressqux filmati, certifikati medici jew xhieda okkulari li setghu jaraq l-incident. Il-Qorti taghmel referenza ghal-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:

*(2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.*

Dan ifisser li jekk ix-xhieda ta' xhud wiehed jigi emmnut dan jista jigi kkunsidrat bhala prova sufficjenti hekk kif inhu ritenut fil-kaz **Pulizija vs Joseph Thorne**[50]

*"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni talpersuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond ilkriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux."*

Dan il-punt gie wkoll spjegat fil-kaz **Il-Pulizija vs Matthew Borg**[51]

*"Illi fid-dawl tas-suespost u cioe' x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq*

[50] Court of Criminal Appeal (Inferior); 9th July 2003
[51] Court of Criminal Appeal (Inferior); 10th November 2014

*analizi ndividwali jew separata talprovi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kaz **Il-Pulizija vs Kieran Vella**[52]

*" Issa meta l-Qorti tasal biex taghzel bejn verzjoni u ohra, naturalment jittiehdu in konsiderazzjoni id-diversi parametri fosthom il-komportament tax-xhieda biex wiehed jara kemm dak li qed jghidu ghandu missewwa jew le."*

Ghalhekk meta l-Qorti tezamina l-atti kollha quddiemha, din il-Qorti trid tiddetermina jekk ghandiex provi bizejjed sal-grad rikjest fil-ligi u skond il-gurisprudenza sabiex tasal ghad-decizjoni finali. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jintqal minn Lord Denning fil-kaz **Miller vs Minister of Pension**[53] fejn jinghad:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **The Police vs Yilmaz Azlan**[54] fejn gie ritenut:

*"the court has to conduct a certain exercise when assessing a witness to see whether he is saying the truth or otherwise and follows the above guidelines. However, these guidelines are not exhaustive. The law leaves such matters of discretion in the hands of the Judge who has to analyse such evidence in seeing whether for example a witness is credible or not, sees whether he has an ulterior motive to testify in the manner he did,*

[52] Court of Criminal Appeal (Inferior); 6th October 2016
[53] 1974 – 2 ALL ER 372
[54] Decided by the Court of Criminal Appeal on the 18th June 2019 – Appeal No. 438/2014

*to examine his behaviour and how he acted whilst on the witness stand and how he answered the questions put forward to him. In carrying out such an examination the court will be in a position to judge whether such witness is saying the truth, whether such evidence is consistent with what was said by the same witness earlier on if for example he himself is makes contradictions in his own testimony or whether there are other facts which disapprove what is being said by the witness. These are but a few examples because the law does not provide any hard rules on the judge as to how he is to carry out such examination. But it is imperative that the judge is free to use his own discretion to see where the witness takes him A judge can believe a witness in whole, in part or not at all".*

Illi fir-rigward dan il-kaz meta l-imputat ta' l-istqarrija tieghu u ma nneggax li f'dik il-gurnata u f'dak il-hin kien fl-inhawi fejn sehh l-incident fil-konfront ta' Massimo Caruana. Tant hu hekk li hu jispjega li dak il-lejl marru *bowling*, imbaghad Bacco's bar u wara mar hdejn ic-cinema.

L-imputat jispjega l-fatt li kien hdejn ic-cinema billi jghid *"Dak kont sejjer lura lejn il-karozza ghaliex bdejt nibza li gejjin ghalija l-bouncers u mbad hargu xi zewg bouncers u kien hem xi had avvicinani ukoll. Jiensa ndejt niddefendi ruhi bdejt f'kwalunkwe sitwazzjoni."*[55] Illi dan gie wkoll ikkorroborat mix-xhieda taz-ziju tieghu li meta xehed ikkonferma li wara l-incident gewwa l-Bacco kienu sejrin lura lejn il-parkegg li jinsab hdejn ic-cinema.

Il-Qorti ghalhekk tqis li huwa pruvat li l-imputat kien fl-inhawi u x-xhieda tal-vittma kienet cara li kien hu li tah id-daqqa ta' ponn u r-ritratti jikkonfermaw il-perjodu ta' zmien.

Ghalhekk wara li l-Qorti gharblet il-provi kollha imressqa, tqis li mill-assjem tal-provi kif migbura u mressqa quddiem din il-Qorti tqis li l-provi tal-prosekuzzjoni u x-xhieda tal-prosekuzzjoni, fil-preponderanza tal-provi

[55] Folio 19 ta' l-atti processwali

prodotti, il-Qorti hija konvinta li l-prosekuzzjoni rnexxiliha tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward l-imputazzjonijiet dedotta kontra l-imputat kontra Massimo Caruana skont l-artikoli 216 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk sejra issibu hati tali ikkaguna ferita hafifa fuqu.

**Ikkunsidrat**

Il-prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex issib lill-imputat hati tali huwa recidiv skont l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti ma tistax tifhem ezatt ghalfejn inhargu dawn l-artikolu meta l-imputat la tressaq akkuzat bihom, fil-fedina penali ma hemm xejn registrat li jista jigi ikkunsidrat bhala recidivita u wisq inqas ma nharget minn xi provi waqt is-smiegh tal-kawza. Di piu l-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova dwar li l-imputat huwa recidiv u ghaldaqstant sejra tghaddi sabiex tilliberah minn dawn l-artikoli ghal-gudizzju.

**Ikkunsidrat**

Illi ghar-rigward it-tielet u r-raba' imputazzjoni l-Qorti tqis li dawn gew ippruvati hekk kif diga gie spejgat aktar il-fuq u ghar-rigward il-hames imputazzjoni din ukoll giet ippruvat kemm mil-filmat li turi l-arma tal-ponn u mix-xhieda tal-prosekuzzjoni li kkonfermaw li l-imputat ma kellu ebda licenzja permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija sabiex izomm arma.

**Ikkunsidrat**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat[56] li hija netta hlief ghal wahda registrata fis-sena 2015 ta' ksur ta' bon ordni fejn kien qala twiddiba u canfira mill-Qorti.

- L-imputat qatt ma ta' jew offra appologija lil vittmi.

- Il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-vittmi irridu ibaghtu l-konsegwenzi tal-griehi ghal-ghomorhom u ebda piena ta' din il-Qorti qatt ma tista tnehhi l-konsegwenzi taghhom.

- Mis-*social inquiry report* irrizulta li l-vittma Massimo Caruana jemmen li ghandha tinghata piena karcerarja lill-imputat u dan ghaliex ukoll stqarr li illum il-gurnata huwa ghandu dizabbilita' ta' 2% f'ghajnejh.[57]

-Mill-istess rapport jirrizulta li minn zmien l-incident l'hawn rabba l-ghalqa, jahdem u beda negozju ibiegh il-haxix, huwa f'relazzjoni stabbli u tajba u sar missieri ta' tifel li jaghti kasu u irabbieh. Kien hemm kummenti ta' tifhir minn ghand il-familja tieghu li sostnu li illum l-imputat rabba l-ghaqal.

- Jirirzulta li dan kien incident wiehed u izolat u qatt ma rega ireppeta ruhu li sarret meta kien ghadu zghazugh ta' dsatax il-sena.

- Il-Qorti tara li f'dan il-kaz il-piena minima hija dik ta' hames snin skont l-artikolu 218 apparti z-zdiedet li legali li jinkorrporaw l-imputazzjonijiet l-ohra li izidu l-piena. Il-Qorti ma ghandiex alternattiva ohra bhala piena stante li l-imputat mhuiex eliggbli ghas-sentenza sospiza jew Ordni ta' Probation jew dak li jipprovdi il-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta jew piena ohra li hija alternattiva ghall-inkarcerazzjoni efettiva. Il-Qorti qieset ukoll dak li jikkontempla l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali in vista tac-cirkostanzi tal-kaz.

---

56 Fol. 16 tal-atti processwali
57 Folio 172 ta' l-atti processwali

- L-artikolu 21 jghid:

*Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 492, il-qorti tista', għal raġunijiet speċjali u straordinarji li għandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza, tagħti dik il-piena iżgħarli, fid-diskrezzjoni tagħha, tkun tixraq, għad illi jkun hemmstabbilit l-anqas piena fl-artikolu li jsemmi dak ir-reat jew taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 20, mingħajr ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7.*

Illi skont is-sentenza **Il-Pulizija vs Justin Gambin**[58] jinghad

*L-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali jipprovdi ghal ragunjijiet specjali u straordinarji li ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza abbazi ta' liema l-Qorti tista` taghti pieni taht il-minimum stabbilit mill-ligi. L-esponenti jirreferi ghalgurisprudenza tabilhaqq kopjuza ta' din l-Onorabbli Qorti, li nvarjabbilment irriteniet illi biex Qorti tkun tista` tapplika dan l-artikolu, irridu tabilhaqq jikkonkorru cirkostanzi specjali u straordinarji, u li l-Qorti, fis-sentenza taghha, trid mhux biss tindika dawn ic-cirkostanzi, izda tidhol fihom bir-reqqa. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali taghmilha cara daqs il-kristall li dan l-artikolu ghandu jigi nterpretat b' mod ristrettiv, tant li cirkostanzi bhal-ammissjoni bikrija, koperazzjoni mal-Pulizija, konformita` mal-ligi wara r-reat, tnehhija ta' l-illegalita` wara li jkun ikkunsmat ir-reat, eccetera, nvarjabbilment gew ritenuti li ma jammontawx ghal cirkostanzi specjali u straordinarji ai termini ta' dan l-artikolu.*

-Madankollu minkejja l-maturita li illum jidher li kiseb l-imputat, il-Qorti tqis li m'hemmx ir-rekwiziti necessarji sabiex ikun jista jisoddisa it-test tal-ligi li jirrikjedi ragunijiet specjali **u** straordinarji u ghalhekk hija obbligata tghaddi ghal-piena ta' inkarcerazzjoni.

[58] Qorti ta' l-Appell Kriminali, Imhallef Lawrence Quintano, Deciza 2 ta' Lulju 2012, Appell Kriminali 257/2011

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 21, 31, 49, 50, 214, 215, 216, 217, 218, 338(dd), 339(1)(e), 383, 384, 385, 412C, 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 6 tal- Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Twain Sciberras **hati** ta' l-imputazzjonijiet dedotta kontrih izda **mhux hati** ta' l-addebitu tar-recidiva skont l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali u tikkundannah piena ta' prigunerija ta' sitt (6) snin habs effettivi li minnhom ghandhom jitnaqqsu dawk gia skontati taht arrest preventive.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska ta' arma regolari jew munizzjon li jkunu qed jinżammu jew jinġarru, jiġu akkwistati jew ikunu fil-pussess, jiġu importati jew esportati, mibjugħin jew trasferiti bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att bħala konsegwenza tal-piena għal dak il-ksur.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' **Ordni ta' Trazzin** kontra l-hati a favur ta' James Farrugia u Massimo Caruana ghal perjodu ta' tlett snin mid-data tar-remissjoni tal-piena u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

Komunika: Kummissarju tal-Pulizija

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-espert skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil hati Twain Sciberras ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez

tal-espert mahtura fis-somma komplessiva ta' hames mija, hamsa u hamsin Euro u sebghin centezmi (€ **555.70**) u cioe' l-ispejjez hawn taht elenkati:

1. Spejjez tar-rapport ta' l-espert Dr. Mario Scerri fl-ammont ta' €255.50[59]
2. Spejjez tar-rapport ta' l-espert Dr. Mario Scerri fl-ammont ta' €300.20[60]

**Moghtija illum nhar it-28 ta' Novembru 2023 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**

[59] Folio 131 ta' l-atti processwali
[60] Folio 144 ta' l-atti processwali